MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Numru. 37/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Alfred Mallia)**

**vs**

**Joseph Magro ta' 36 sena bin Lewis u Josephine nee Magri mwieled Pieta' fis-6/04/1967, residenti 24, 'Dark Cheque', Triq Guzi Abela, Zejtun, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 158267 (M)**

**Lewis Magro ta' 59 sena bin Albert u Ursola nee Pace, mwieled Tarxien fis-6/08/1944, residenti 29, Flat 3, Triq San Edwardu, Paola, detentur tal-kart tal-identita' bin-numru 711844 (M)**

**Grace Gatt ta' 35 sena mart Stephen John, bint Paul**

**Bartolo u Rita nee Mifsud, mwielda Victoria fil-25/09/1968, residenti 'Oryana', Triq Leli Falzon, Naxxar, Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 34568 (G)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kif dedotti kontra l-hawn fuq imsemmija Joseph Magro, Lewis Magro u Grace Gatt li gew akkuzati talli f'Marsascala u f'Haz Zabbar fil-lejl bejn is-26/08/2003 u s-27/08/2003 ingurjaw, heddew u offendew lil Theresa Magro u lil Michael Fenech miz-Zejtun, bi ksur tal-art. 339e u 252 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Barra minn dan fl-istess cirkostanzi volontarjament kisru l-bonordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied bi ksur tal-artikoli 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan akkuzati wkoll talli fl-istess cirkostanzi kkagunaw hsara volontarja fuq vettura Lada Samara IAB-723, liema hsara hija ta' iktar minn Lm 100 ghad-dannu ta' Teresa Magro, bi ksur tal-artikolu 325c tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tapplika l-artikolu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' Teresa Magro u tal-familja taghha.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzati ma kellhom ebda oggezzjon ghal tali proceduri kif ukoll li huma ma kinux hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Rat ukoll li l-parte civile fis-seduta tat-3 ta' Frar, 2006 irrinunzjat ghal dak kollu li hu rinunzjabbli dan fil-konfront ta' Michael Fenech.

Min-naha taghha anke Theresa Magro ghazlet l-istess triq u xehdet f'dan ir-rigward.

Ikkonsidrat

Illi l-unika xhud viva voce li fil-fatt ta verzjoni ta' dak li gara kien Michael Fenech, li pero' ftit kien illuminanti dwar dak li verament gara f'dan l-incident.

Oltre hekk stranament l-unika stqarrija li ttiehdet u konsegwentement esebita hija ta' Joseph Magro li apparti li hija negazzjoni ta' involviment f'dan l-incident anzi Joseph Magro anke jaghti illuzjonijiet li sahansitra l-windscreen tal-vettura ddanneggjata nkiser wahdu.

Ghaldaqstant tenut kont ta' dana kollu premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi certament ebda wahda minn dawn l-akkuzi ma giet sufficjentement ippruvata fil-konfront tat-tliet akkuzati u ghaldaqstant qeghda tilliberahom mill-akkuzi kollha lilhom addebitati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------